*- Giljottina*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 28 TA' SETTEMBRU, 2020.**

**Rikors Ġuramentat Nru. 379/2019 GM**

**EMC SHIPPING MALTA LIMITED (C 67205)**

**vs**

**VOLONT SHIPPING AND TRADING S.A (MH 96960) u b'digriet tal-11 ta' Settembru 2020 ġew nominati kuraturi Dr CHARMAINE CHERRETT u PL MELISSA ANASTASI**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-soċjeta' attriċi ppreżentat fil-15 ta' April 2019 li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti għas-somma ta' seba' u għoxrin elf, tlieta u għoxrin Ewro u seba' u għoxrin

ċenteżmu (€27,023.27) rappreżentanti servizzi marittimi reżi mis-soċjeta' rikorrenti a bażi ta' struzzjonijiet li ngħatawlha mis-soċjeta' konvenuta;

3. Tikkundanna s-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' seba' u għoxrin elf, tlieta u għoxrin Ewro u seba' u għoxrin ċenteżmu (€27,023.27).

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-fattura sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra s-soċjeta' konvenuta.

Rat il-verbal tagħha tallum li fih ġie reġistrat li dehret Dr Charmaine Cherret għas-soċjeta` konvenuta u tat ruħha b'notifikata;

Rat illi minkejja s-soċjeta' konvenuta hija debitament notifikata, baqgħet ma ppreżentat ebda risposta maħlufa entro t-terminu mogħti lilha mil-liġi u għalhekk għandha titqies li hija kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġijiet.

Rat l-atti kollha tal-każ;

**Ikkunsidrat:**

Illi wara li rat is-subartikolu (1) tal-Artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar smigħ ta' kawżi bil-proċedura sommarja, komunement magħrufa bħala bil-giljottina, u tenut kont li l-ammont dovut fir-Rikors Maħluf ġie debitament irrikonfermat mill-attur bil-ġurament tiegħu fl-affidavit minnu preżentat, din il-Qorti hi sodisfatta li l-attur ipprova l-każ tiegħu skont il-liġi.

**L-imgħax**

Illi l-attriċi talbet ukoll l-imgħax sal-ħlas tal-pagament effettiv. Dan id-dejn huwa ta' natura kummerċjali u allura "jekk wieħed iqis li l-obbligazzjoni meħuda mill-imħarrkin kienet waħda ta' natura kummerċjali, allura jista' jingħad ukoll li l-imgħaxijiet jibdew jgħaddu *ipso jure* bla ħtieġa ta' talba għalihom b'att ġudizzjarju u b'effett minn dak inhar li l-obligazzjoni kellha titwettaq;[1]

Illi kull fattura hija l-prova ta' bejgħ individwali u distint ta' materjal. Għalhekk il-kwistjoni tal-pagament tal-prezz u tal-imgħax pretiż għandu jitqies fil-kuntest ta' kull fattura individwali.[2] Għalhekk l-imgħax għandu jiġi kalkulat b'mod separat mid-data rispettiva ta' kull fattura;

**Dispożittiv:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti:

1. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, ai termini ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' seba' u għoxrin elf, tlieta u għoxrin Ewro u seba' u għoxrin ċenteżmu (€27,023.27) rappreżentanti servizzi marittimi reżi mis-soċjeta' attriċi a bażi ta' struzzjonijiet li ngħatawlha mis-soċjeta' konvenut;

3. Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi din is-somma ta' seba' u għoxrin elf, tlieta u għoxrin Ewro u seba' u għoxrin

---

[1] Muscat et vs Radmilli et, PA, 3.10.2002
[2] J&M Aluminium Ltd vs Alu Care Mosta Limited, PA, 24.01.2012.

ċenteżmu (€27,023.27) bl-imgħaxijiet bit-tmienja (8%) mid-dati rispettivi tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, a karigu tas-soċjeta` konvenuta.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA